# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 4 – L-ERBGĦA 15 TA' MEJJU 2013

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Kien hemm jattendi l-*accountant* tal-Kunsill u persuna oħra.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 2 U 3

1.1 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil unanimu li għandu jiżdied paragrafu ieħor, 10.4, li jgħid 'Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li tinstab soluzzjoni temporanja għas-*safety* tat-tfal fi Triq l-Imtarfa ma' Triq il-Ferrovija.

1.2 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li tinbidel l-ordni ta' prijorità tax-xogħlijiet f'para. 8.1 biex taqra 'Kien hemm qbil li għandha ssir il-bankina fi Triq Ħażnet l-Ilma, għandhom jinxtraw xi laned tal-iskart ġodda u jiġi rranġat il-passaġġ ta' bejn il-*barracks*'.

1.3 Il-minuti tal-laqgħa numru 2 ġew approvati unanimament kif emendati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

1.4 Il-minuti tal-laqgħa numru 3 ġew approvati unanimament mingħajr emendi u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

### 2. APPROVAZZJONI TAL-*QUARTERLY REPORT* (JANNAR – MARZU 2013)

2.1 Minħabba li l-*accountant* tal-Kunsill kien preżenti għal-laqgħa u kellu appuntament ieħor, kien hemm qbil li l-Kunsill jibdel l-ordni tal-laqgħa u jiddiskuti l-approvazzjoni tal-*Quarterly Report*.

2.2 L-*accountant* ta spjega tal-*quarterly report*. Dan ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u s-SE.

2.3 Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jwaqqaf il-laqgħa temporanjament sabiex jiltaqa' mas-Sur John Micallef mill-Imtarfa Drama Group. Il-ħin kien it-8:15pm.

2.4 Il-laqgħa tkompliet fid-8:45pm. Hawnhekk skuża ruħu l-Kunsillier Bugeja.

## 3. PUNTI MILL-MINUTI

3.1 Is-SE infurmat li l-kompjuter għall-użu fl-uffiċċju tas-Sindku kien inxtara.

3.2 Is-SE infurmat li l-parkeġġ ta' quddiem Binja San David kien wasal fl-aħħar fażijiet tiegħu. Sadanittant infurmat ukoll li kien ġie rifuż l-ewwel kont mill-Awtorità tad-Djar matul dik il-ġimgħa bħala pagament tax-xogħol tal-kuntrattur Daniel Attard fuq il-*barracks*. Hija fakkret li fuq qbil bejn il-Kunsill, il-kuntrattur kien għamel xogħlijiet oħra relatati mal-kuntratt tiegħu u li jammontaw għal 20% tal-ammont tal-kuntratt. Is-SE infurmat ukoll li kienet inxtrat iż-żebgħa ulterjuri biex isir ix-xogħol tal-mini mill-ħaddiema tal-Kunsill.

3.3 Fir-rigward ta' para. 10.4, is-SE infurmat li kienet marret fuq is-sit u dehrilha li l-passaġġ fejn hemm it-taraġ mhux pubbliku. Fil-fatt wieħed mill-ġara kien infurmaha wkoll li l-passaġġ huwa komuni għaż-żewġ residenti. Kien hemm qbil li s-SE għandha titlob għal aktar informazzjoni mingħand ir-residenta qabel ma jsir ix-xogħol.

3.4 Is-SE infurmat li l-*cats eyes* u ż-żebgħa tat-telgħa msemmija f'para. 10.8 kienu tlestew.

3.5 Is-SE infurmat li x-xogħol imsemmi f'para. 10.10 dwar irranġar ta' sprall fi Triq l-Imtarfa kien tlesta.

3.6 Is-SE infurmat li l-marki msemmija f'para. 10.11 kienu saru.

3.7 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 10.13 kienet bagħtet kommunikazzjoni lis-CEO tal-Awtorità tad-Djar u anke *reminder* però sal-ġurnata ma kienet għadha rċeviet ebda risposta.

## 4. KOMMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

4.1 Is-Sindku informa li d-Dar tal-Anzjani kienet se torganizza attività għall-festa tal-Imnarja. Min-naħa tal-Kunsill kien għamel arranġament sabiex jinġab kantant bla ħlas sabiex jipparteċipa waqt l-attività tagħhom.

4.2 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandha ssir attività ta' tberik tal-annimali fil-pjazza tal-Imtarfa nhar il-Ħadd fis-7 ta' Lulju possibbilment wara l-Quddiesa tad-9am.

4.3 Is-Sindku informa li s-SE kienet talbet laqgħa ta' informazzjoni mal-MEUSAC. Kull min hu interessat seta' jattendi għal din il-laqgħa.

4.4 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob għal reviżjoni tal-konfini tal-lokalità tal-Imtarfa sabiex possibbilment iż-żona tkun tista' tikber aktar.

4.5 Is-Sindku informa li kien irċieva kommunikazzjoni mingħand il-GreenMT sabiex issir laqgħa bejn il-Kunsill u rappreżentanti tagħhom. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

4.6 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu se jattendu għal Business Breakfast nhar is-Sibt fejn se tingħata aktar informazzjoni dwar korsijiet tal-IT li minnhom setgħu jibbenefikaw ir-residenti.

4.7 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu attendew għal attività fil-Kunsill Lokali tal-Marsa fejn kienet ġiet preżentata ittra mill-Onor. Herrera li tgħid li kienu se jgħaddu s-somma ta' €17,500 kif ukoll ta' €36, 817.69 relatati mal-bandli. Hawnhekk is-SE infurmat li r-raġuni għaliex ma ġiex preżentat iċ-ċekk kienet li deher li l-Kunsill kellu kont pendenti mad-Dipartiment tal-VAT li tmur lura numru ta' snin. Għaldaqstant hija kienet kitbet lid-Dipartiment tal-VAT biex tindaga dwar dan il-kont. Ħadd mill-Kunsilliera preżenti ma kellu tagħrif li l-Kunsill kellu numru tal-VAT jew li hemm kont pendenti ma' dan id-Dipartiment. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud, kien hemm qbil li s-SE għandha tinforma lill-avukat tal-Kunsill b'din il-kwistjoni.

4.8 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kienet inħarġet stqarrija mill-Onor. Herrera fejn kien qed iwaqqaf il-proċeduri kollha għall-iskema tar-*Residents Parking* fil-lokalitajiet kollha. Fuq suġġeriment tas-Sindku u l-Kunsillier Mifsud, kien hemm qbil li għandha

tintbagħat kommunikazzjoni lir-residenti li kienu qablu li ssir żona ta' residents parking biswithom, sabiex ikunu mgħarrfa b'din l-aħbar.

4.9 Is-Sindku informa li kien irċieva kommunikazzjoni mingħand resident sabiex jitneħħa ċ-ċint ta' biswit it-torri tal-ilma u minfloku titpoġġa *hedge* (arbuxxell). Ma kienx hemm oġġezzjoni għal din it-talba.

4.10 Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera sabiex jgħaddu l-informazzjoni li xtaqu li tidher fuq il-*business card* tagħhom lill-uffiċċju tal-Kunsill sabiex isir l-istampar tagħhom fil-ġimgħat li ġejjin.

## 5. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

5.1 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' April. Kopja tiegħu hija annessa.

5.2 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u s-SE.

## 6. SKEMA TA' IMPJIEG INKLUSSIV FIL-KOMUNITÀ

6.1 Is-SE infurmat li wara li saret l-intervista mas-Sur Alexander Caruana eżatt qabel l-elezzjoni, kien hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni dwar jekk dan għandux jiġi aċċettat.

6.2 Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jaċċetta li jimpjiega lis-Sur Caruana u għaldaqstant is-SE għandha tagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-ETC.

## 7. *REFURBISHMENT* TAL-UFFIĊINI AMMINISTRATTIVI TAL-KUNSILL

7.1 Is-SE infurmat li kienu nġabu żewġ kwotazzjonijiet għax-xogħol fuq *masterplan* biex isir it-tisbiħ neċessarju. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud kien hemm qbil li għandha tinħareġ kwotazzjoni pubblika.

## 8. OFFERTI GĦAS-SERVIZZ TA' PERIT

8.1 Is-SE infurmat li kien hemm 10 individwi li xtraw id-dokument tal-offerta għalkemm kienu biss 7 li tefgħu l-offerta tagħhom.

8.2 Kien hemm qbil li l-Kunsill kollu għandu jkun fuq il-bord tal-aġġudikazzjoni. Hawnhekk, il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jkun hemm persuna li mhijiex fil-Kunsill fuq il-bord. Kulħadd qabel fil-prinċipju u għaldaqstant kien hemm qbil li għal kull bord ta' aġġudikazzjoni l-Kunsill għandu jaħseb f'xi persuna li tista' tagħti kontribut siewi lill-Kunsill sabiex finalment tintagħżel persuna biex tifforma parti mill-bord. Kien hemm qbil li kull persuna li tkun fuq il-bord għandha tiġi mgħarrfa li se tkun qed tagħmel dan b'mod volontarju.

8.3 Kien hemm qbil li s-Sur Peter Cordina għandu jintalab jifforma parti minn dan il-bord għas-servizz ta' perit.

## 9. ĠITA GĦAL SQALLIJIA

9.1 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva kommunikazzjoni sabiex tiġi organizzata ġita għal Sqallija għal ġurnata bi prezz ridott. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jaċċetta din l-offerta. Kien hemm qbil li l-ġurnata magħżula għandha tkun il-Ħadd 28 ta' Lulju.

9.2 Kien hemm qbil li l-Viċi Sindku għandu jkun responsabbli minn din il-ġita.

## 10. ILMENTI MRESSQA MIS-SE

10.1 Is-SE għaddiet lista b'numru ta' lmenti sabiex jiġu deċiżi mill-Kunsill.

10.2 Kopja ta' din il-lista bid-deċiżjonijiet li ttieħdu qed tiġi mehmuża.

## 11. PUNTI OĦRA

11.1 Is-SE infurmat li l-Kumitat Konġunt ta' Birkirkara kien informa lill-Kunsill li kien hemm xi flus x'jinġabru mis-sistema tagħhom kif ukoll oħrajn x'jitħallsu u għaldaqstant kienu qed jitolbu li l-Kunsill jiffirma kuntratt dwar dan u jgħaddi n-numru tal-kont tiegħu. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

11.2 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mill-Awtorità tad-Djar fejn dawn qed jipproponu li l-Kunsill għandu jħallas il-kontijiet pendenti tal-elettriku għat-torri tal-arloġġ li jmorru lura numru ta' snin. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jħallas biss mid-devoluzzjoni 'l quddiem. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud kien hemm qbil li s-SE għandha tinforma b'dan lill-avukat tal-Kunsill.

11.3 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva l-allokazzjoni għas-sena 2013. Din kienet ta' €234,469 jiġifieri €5,282 inqas mill-allokazzjoni tas-sena 2012. Is-SE ġibdet l-attenzjoni lill-Kunsill li dan ifisser li hemm bżonn li l-Kunsill joqgħod aktar attent fl-infiq tiegħu minħabba li l-baġit kien maħdum fuq l-allokazzjoni tal-2012.

11.4 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar ir-*railing* ta' Triq l-Anzjani, is-SE infurmat li kienet għadha se tikteb lid-Dar tal-Anzjani biex titlob il-permess tagħhom.

11.5 Il-Kunsillier Fenech fakkar lis-SE li l-ħaddiema tal-Kunsill kienu għadhom ma rranġawx il-kurduni fi Triq il-Fosos tal-Qamħ.

11.6 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar il-każ fil-Qorti tas-Sinjuri Zahra kontra l-Kunsill, is-SE infurmat li ma kellhiex aktar informazzjoni mingħand l-Avukat. Hija kienet se tikkuntattjah biex iġġib aktar informazzjoni.

11.7 Il-Kunsillier Fenech ġibed l-attenzjoni li l-kuntrattur tad-dawl kien qed jieħu wisq fit-tul biex jirranġa l-ħsara. Fir-rigward ta' Triq Gregorio Caraffa, hija infurmat li kien hemm problema fil-passaġġ li jinsab fuq in-naħa ta' wara ta' din it-triq u li kienet se tiġi diskussa mal-Awtorità tad-Djar minħabba li x-xogħol sar minnhom ftit tas-snin ilu.

11.8 Fuq talba tal-Kunsillier Mifsud kien hemm qbil li s-SE għandha titlob li l-materjal aħdar li ddawwar mal-bandli għandu jinqala' minħabba li qed ikun ta' periklu minħabba r-riħ.

11.9 Il-Kunsillier Mifsud issuġġerixxa lis-SE biex titlob lil TM biex isir xi ħaġa (tipo *junction-box*) biex il-*flow* tat-traffiku tibqa' għaddejja madwar ir-rawndenawt ta' ħdejn iċ-ċimiterju tal-Imtarfa fid-direzzjoni tal-Imtarfa minħabba li l-vetturi li jiġu mir-Rabat/Żebbuġ lejn il-Mosta qed ikunu ta' ostaklu.

11.10 Il-Kunsillier Mifsud ġibed l-attenzjoni li għall-attività ta' Jum l-Imtarfa din is-sena ma kinux intbagħtu inviti lill-eks Kunsilliera. Filwaqt li skużat ruħha għall-fatt li dawn ma kinux intbagħtu, is-SE ġibdet l-attenzjoni li din is-sena ma kinitx saret attività bil-qiegħda u xorta kien intbagħat fuljett dar dar. Minbarra dan, kien hemm ukoll problema loġistika għaliex l-attivitajiet kollha (tlieta) ġew organizzati fi żmien għaxart ijiem (*working days*).

## 12. AĠĠORNAMENT

12.1 Il-laqgħa spiċċat fil-11:30pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar l-Erbgħa 5 ta' Ġunju fis-7:30pm.

______________________

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

______________________

**Daniel John Attard**
**Sindku**